**12 ta' Marzu, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Spiru Silvio

**Attentat Vjolent għall-Pudur — Oltraġġ għall-Pudur Publiku — Bewsa — Kwerela — Rinunzja — Inseparabbilità Ġuridika — Reat Uniku — Appell.**

*L-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' oltraġġ għall-pudur publiku per mezz ta' bewsa huma l-bewsa, li din tkun ġiet mogħtija f'post publiku jew espost għall-publiku, li tkun vjolenta, u li tkun ġiet mogħtija f'ċirkustanzi li juru, mhux l-iskop ta' nġurja jew molestja, imma skop ta' libidini. Jekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti ssemmi l-vjolenza "per incidens", b'mod tali li ma tagħtijhiex importanza bħala rekwiżit tar-reat, u di pjù ma ssemmi xejn affattu r-riċerka tal-iskop ta' konkupixxenza, l-enunċjazzjoni tal-liġi hi difettuża, u dik is-sentenza hija appellabbli mill-Prosekuzzjoni.*

*Jekk mill-fatti jidher assodat ir-reat ta' oltraġġ għall-pudur publiku, allura r-rinunzja għall-kwerela tal-parti offiża għar-reat l-ieħor li jakkompanjah ta' attentat vjolent għall-pudur, assodat ukoll bl-istess provi, ma tibqgħax operattiva; imma, stante n-"nexus" naturali jew ġuridiku bejn iż-żewġ reati, li jitnissel skond il-ġurisprudenza, jibqa' reat wieħed biss, ċjoè dak gravjuri ta' attentat vjolent għall-pudur.*

Il-Qorti:— Rat l-akkuża miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja kontra l-imsemmi Spiru Silvio, ta'li l-Furjana, fil-11 ta' Jannar 1960, f'xi s-7.30 p.m., waqt li kien f'post publiku,

ikkommetta attentat vjolent għall-pudur fuq il-persuna ta' Carmela Sammut ta' 21 sena, miż-Żurrieq; barra minn dan, offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'post publiku jew f'lok espost għall-publiku; u aktar, ittanta jagħmel offiża fuq il-persuna tal-imsemmija Carmela Sammut billi gidimha f'imnieħerha;

Rat ir-rinviju tal-Attorney General tas-16 ta' Jannar 1960, li bih talab lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tiddeċidi fuq il-ħtija tal-imputat taħt dak li hemm maħsub fl-art. 222 u 538(c) tal-Kodiċi Kriminali, ċjoè attentat vjolent għall-pudur akkompanjat minn reat ieħor li jinteressa l-ordni publiku;

Rat l-attijiet tal-kompilazzjoni magħmula kontra l-imputat;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Jannar 1960, li biha ddikjarat l-azzjoni estinta bir-rinunzja tal-parti leża, u għalhekk illiberat lill-imputat; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta illi l-imputat kien segwa lil Carmela Sammut, qabadha minn idejha u biesha f'wiċċha;

Illi dawn il-fatti, għalkemm jikkostitwixxu attentat vjolent għall-pudur, però ma jikkostitwux offiża għall-pudur publiku, għaliex, kieku mhux għax imposta fuq Sammut bi vjolenza, bewsa fuq il-wiċċ, per sè, ma toffendi bl-ebda mod il-pudur publiku, iżda hija ħaġa li tirrikorri normalment;

Illi r-reat ta' attentat għall-pudur huwa persegwibbli a kwerela tal-parti, u Carmela Sammut irrinunzjat għall-azzjoni, u ma hemmx il-konkors ta' reat li jinteressa l-ordni publiku;

Rat ir-rikors li bih l-Attorney General appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li l-imputat jiġi dikjarat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kundannat għall-piena xierqa skond il-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Id-difiża, bin-nota tagħha fol. 30, eċċepiet l-inammissibbilità tal-appell mill-parti tal-Prosekuzzjoni;

Il-Prosekuzzjoni ssostni illi l-liberazzjoni tal-imputat kienet l-effett ta' enunċjazzjoni skorretta tal-ipotesi tal-liġi, mill-Qorti tal-Ewwel Grad, għar-rigward tar-reat konkorrenti ta' oltraġġ, ossija offiża għall-pudur publiku;

Jekk kien hemm dan ir-reat, tkompli targumenta l-Prosekuzzjoni, allura r-rinunzja għall-azzjoni, għar-rigward tar-reat dedott kontra l-imputat ta' attentat vjolent għall-pudur, ma tkunx operattiva, għaliex allura dan ir-reat ikun akkompanjat mir-reat l-ieħor ta' oltraġġ għall-pudur publiku, li hu reat li jinteressa l-ordni publiku, u li għalhekk, skond il-liġi, jirrendi r-reat ta' attentat vjolent għall-pudur mhux aktar persegwibbli bil-kwerela tal-parti leża, imma "ex officio" (proviso art. 538 Kap. 12), u kwindi mhux rinunzjabbli;

L-ewwel indaġini li, għaldaqstant, timponi ruħha għall-eżami ta' din il-Qorti, hi jekk verament kienx hemm fis-sentenza appellata, għar-rigward tar-reat ta' oltraġġ għall-pudur publiku, enunċjazzjoni skorretta tal-ipotesi tal-liġi;

Il-Prosekuzzjoni tissottometti li din l-enunċjazzjoni skorretta tinsab fil-paragrafu, ossija konsiderando, tas-sentenza, li jgħid hekk:— "Illi dawn il-fatti, għalkemm jikkostitwixxu attentat vjolent għall-pudur, però ma jikkostitwux offiża għall-pudur publiku, għaliex, kieku mhux għax imposta bil-vjolenza fuq Sammut, bewsa fuq il-wiċċ, per sè, ma toffendi bl-ebda mod il-pudur publiku, iżda hi ħaġa li tirrikorri normalment";

Mela, sabiex din il-Qorti tara jekk kienx hemm tassew enunċjazzjoni żbaljata tal-ipotesi tal-liġi fis-sentenza appellata, jeħtieġ li jiġi eżaminat x'inhuma r-rekwiżiti tar-reat ta' oltraġġ għall-pudur publiku in relazzjoni għall-każ in ispeċje. Dan żvolġa ruħu hekk. Fil-11 ta' Jannar li għadda, f'xi s-7.30 p.m., fil-waqt li Carmen Sammut, xebba ta' xi 21

sena, kienet sejra minn ħdejn Porta Rjali diretta għal King George V Hospital, il-Furjana, rat lill-imputat, li ma kienetx tafu qabel, qiegħed jippassiġġa hemm. L-imputat, li għandu 25 sena, qal lil Sammut:— "Miss fejn sejra?" Hi ma rrispondietux; mbgħad hu qabdilha idha u reġa' rripeta dawk il-kliem. Sammut illiberat ruħha u bdiet tallontana ruħha tgħaġġel, iżda ndunat li l-imputat kien qiegħed isegwiha. Fil-fatt, hu baqa' jippedinaha għal tratt ta' trieq ġmielu, u qalilha:— "Miss, stenna ftit". Mbgħad laħaqha, qabadha minn dirgħajha, dawwarha sakemm ġew wiċċ imbwiċċ, qalilha "pupa, jien inħobbok", għafasha miegħu, u biesha fuq wiċċha. Hi rreżistiet l-avanzi tiegħu, u hu gidimha leġġerment fuq imnieħerha, bla ma għamlilha ebda leżjoni (ċertifikat fol. 4); u mbgħad mar. Hi ħassitha aġitata u pallida (xhieda Bonello fol. 16 u tagħha stess fl-appell);

Għalhekk, l-eżami tal-ipotesi tal-liġi, għall-finijiet talammissibbiltà tal-appell tal-Prosekuzzjoni, fiċ-ċirkustanzi tal-fattispeċje kif fuq delineati, jiftaħ lok għall-kwistjoni tal-"bacio violento";

A propożitu l-Carrara (Progr. Parte Speciale, Vol. II, Nota (1) p. 410) jgħid hekk:— "VI fu violenza nell'atto? Vi fu scopo di libidine? Il senso morale del popolo considera quell'atto come impudico? Ove ricorrono queste tre condizioni, esiste il delitto di oltraggio violento al pudore. Così, io riconosco gli elementi dell'oltraggio anche nel semplice bacio violento";

Dan l-awtur jiċċita diversi awturi antichi li ttrattaw din il-kwistjoni, bħal Bertrando, Sorge, Gundlingio, Panimolle, Muta, u Basilico;

Il-Frola (Ing. e Diffamaz.) jikkontempla wkoll il-kwistjoni, paġ. 274 u 275; u jirrileva illi, meta jeżula l-element libidinuż, u jkun hemm biss l-intenzjoni li wieħed joffendi lissuġġetta passiva fl-unur, jew li jirbaħ imħatra, jew li jagħmel gradassata, allura hemm biss inġurja reali; mbgħad jikkonkjudi:— "In ogni altro caso, invece, il bacio vuolsi avere almeno come offesa al pudore, come fu ritenuto dalla Corte Suprema, 18 gennajo 1907, in causa Serciardo (Giurisprudenza p. XIII, paġ. 657);

Fir-rivista "Foro Penale Napoletano", Vol. tal-1927, paġ. 477, hemm riportata sentenza fil-kawża kontra Petrone Giuseppe, maqtugħa mill-Cassazione fis-27 ta' Mejju 1927. Il-fatti rriżultaw minn dan il-paragrafu:— "Il tribunale di Cosenza in grado di rinvio, con sentenza del 15 febbraio 1927, confermava quella del pretore di Trebisacce, con la quale Petrone Giuseppe venne condannato quale colpevole di oltraggio al pudore per avere, di pieno giorno, ed in pubblica strada, cinto col braccio destro il collo della giovinetta Amerise Luisa, ed attiratala a sè baciata più volte costei sulla guancia sinistra, come manifestazione di sfogo sensuale";

Il-Cassazione rriteniet insindakabbli s-sentenza appellata, għaliex iż-żewġ qrati ta' qabel kienu enunċjaw tajjeb ir-rekwiżit tal-iskop senswali tal-att, u mbgħad għamlu apprezzament tal-fatt, li ma kienx sindakabbli. Minn din is-sentenza (li kkontemplat każ li jattalja ruħu ferm ma' dak preżenti) jemerġi illi wieħed mir-rekwiżiti tal-"bacio violento", in relazzjoni għar-reat ta' oltraġġ għall-pudur publiku, hu appuntu dak li għandu jkun hemm, kif esprimiet ruħha l-Cassazione, "una concupiscenza o soddisfazione sensuale" fl-att. Jekk dak ir-rekwiżit jiġi enunċjat, allura, jekk fil-fatt jikkonkorrix jew le hi materja ta' apprezzament mhux sindakabbli;

Il-Maino (Vol. III, comm. art. 338 u 339, paġ. 202, wara li jgħid "un caso intorno al quale è vivo il dibattito in dottrina e in giurisprudenza è il bacio dato in pubblico a fanciulla renitente . . . ", donnu jrid jagħmel distinzjoni bejn il-"bacio per sè" u "le circostanze concomitanti", biex jgħid li "l'offesa sta allora nel fatto complesso, e non in questo singolo atto". Imma mbgħad qiesu jaċċetta t-teorija prevalenti, għax jikkonkjudi hekk:— "E' sempre necessario che gli atti abbiano l'attitudine a offendere il senso del pudore, di guisa che, se per lo scopo al quale l'agente mirava non possa sorgere tale impressione, l'art. 338 non sarebbe più applicabile"; u l-eżempju li jagħti ta' esklużjoni tar-reat ta' oltraġġ għall-pudur publiku iservi biex jikkonferma t-teorija prevalenti, għax hu jiċċita l-każ "di guardie di finanza che

in luogo pubblico avevano posto le mani sotto le vesti di una donna per impedire la dispersione di merci di contrabbando"; f'liema każ kien ovvjament jeżula l-iskop libidinuż;

Min dan li ġie rilevat, għalhekk, jidher ċar li l-elementi li jikkostitwixxu l-ipotesi tal-liġi huma li l-bewsa, mogħtija f'post publiku jew espost għall-publiku, tkun vjolenta, u li tkun ġiet mogħtija f'ċirkustanzi li juru, mhux l-iskop ta' ngurja jew molestja, imma l-iskop ta' libidini. Minn dawn iż-żewġ elementi toħroġ l-impudiċizja tal-att għas-sens morali tal-publiku;

Issa, tornando għall-ipotesi tal-liġi kif kontenuta fil-paragrafu tas-sentenza appellata fuq riportat, wieħed jirrileva li l-Ewwel Qorti semmiet il-vjolenza, imma "per incidens", u kważi b'mod tali li ma tagħthiex importanza bħala rekwiżit; u barra minn hekk, ma semmietx affattu r-riċerka tal-iskop ta' konkupixxenza. F'dan is-sens, għalhekk, l-enunċjazzjoni tal-ipotesi tal-liġi hi difettuża, u għalhekk is-sentenza hi appellabbli mill-Prosekuzzjoni; għaliex għall-apprezzament tal-fatti ġiet applikata mill-Ewwel Qorti ipotesi tal-liġi li, kif ingħad, ma hijiex kompleta. L-eċċezzjoni tal-inappellabbilità, għalhekk, ma hijiex sostenibbli;

Issa, mill-fatti tal-każ preżenti kif fuq delineati, din il-Qorti hi soddisfatta li l-bewsa kienet vjolenta, u li ġiet mogħtija f'post publiku f'ċirkustanzi tali li juru l-iskop libidinuż tas-suġġett attiv, u kwindi l-kumpless tal-fatti ma jistax ma jiġix ritenut offensiv għall-pudur jew morali; għax mhijiex ħaġa xierqa li mara tiġi sottoposta għal att vjolent ta' passjoni libidinuża;

Issa, jekk mill-fatti kif pruvati ġie assodat, kif din il-Qorti tirritjeni li ġie assodat, ir-reat ta' oltraġġ għall-pudur publiku, allura hu veru li r-rinunzja tal-parti leża għar-reat l-ieħor ta' attentat vjolent għall-pudur, assodat bl-istess provi, ma tibqgħax operattiva in vista tal-liġi fuq ċitata (art. 538 proviso); imma, peress li l-fatt hu l-istess, għalhekk, stante n-"nexus" naturali jew ġuridiku bejn iż-

żewġ reati, titnissel l-inseparabbilità ġuridika għas-sens tal-ġurisprudenza (Qorti Kriminali "Rex vs. Degiorgio", 29 ta' Jannar 1937), u jibqa' biss reat wieħed, ċjoè dak gravjuri ta' attentat vjolent għall-pudur;

Din il-Qorti, stante d-dikjarazzjoni ta' Sammut li trid taħfer lill-imputat, stante ċ-ċirkustanzi tal-każ, li ma humiex ta' gravità rilevanti, u stante li l-fedina penali tal-imputat hi netta, jidhrilha li hu l-każ li tapplika piena taħt il-minimum in bażi għall-art. 23A. Kap. 12; u għalhekk tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-Attorney General, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiddikjara l-imputat ħati taż-żewġ reati ta' attentat vjolent għall-pudur u oltraġġ għall-pudur publiku; iżda, stante l-inseparabbilità ġuridika, tiddikjara li dawn iż-żewġ reati huma assorbiti fir-reat uniku gravjuri ta' attentat vjolent għall-pudur; u wara li rat l-art. 222, 223, u 23A. Kap. 12, tikkundanna lill-imputat għall-piena tal-priġunerija għal żmien erbat ijiem u għall-multa ta' £5, li titħallas żmien ħmistax mill-espjazzjoni tal-piena l-oħra.